# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru**

**Citazzjoni Numru 288/14 AF**

**Dr John Vassallo**

**v.**

1. **L-Awtorita` tat-Trasport f'Malta**
2. **Il-Kunsill Lokali ta' San Giljan ghal kull Interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li l-attur ipprezenta fis-7 ta' April, 2014 u li jaqra hekk:

> "1. Premess illi l-esponenti huwa residenti fid-dar "Lawrence House", St. Elias Street, San Giljan;
>
> "2. U billi premess ta' decizjoni tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan, li ttiehdet bil-kunsens tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta, gie deciz illi parti mit-triq Sant' Elia, San Giljan tigi indikata, senjalata u kategorizzata bhala triq fejn ma huwiex permess l-ebda parkegg ta' vetturi fiha u dana minhabba li t-triq hija dejqa u l-parkegg johloq riskju serju ghas-sahha u ghall-proprjetà;
>
> "3. U billi din id-decizjoni giet implementata fil-21 ta' Awwissu 2013;

"4. U billi sussegwentement l-Awtorità intimata, b'decizjoni taghha, irtirat l-approvazzjoni taghha ghal din il-kategorizazzjoni u ordnat li jerga' jigi permess il-parkegg ta' vetturi f'dik il-parti tat-triq, liema decizjoni sussegwenti giet implementata fit-23 ta' Ottubru 2013;

"5. U billi d-decizjoni ghal rikategorizazzjoni ta' dik il-parti tat-triq bhala permissibli ghal parkegg ta' vetturi kienet wahda arbitrarja, illegali u ma ttehditx fil-forom u skont kif provdut mir-regolamenti wara d-debita konsultazzjonijiet u fiz-zmien utli skont il-ligi biex tigi riveduta decizjoni tal-Kunsill Lokali, u ghalhekk hija irrita u nulla;

"6. U billi fi kwalsiasi kaz, il-ftuh tat-triq ghall-parkegg tal-parti dejqa tat-Triq Sant' Elia, tesponi lill-utenti u residenti tat-triq ghal riskji serji ghal inkolumita taghhom u tal-proprjetà taghhom u dan wahdu kellu jkun raguni sufficjenti biex dik id-decizjoni ma ttiehditx;

"7. U billi minkejja li l-intimati gew interpellati sabiex jirrevokaw din id-decizjoni irrita u nulla permezz ta' ittra ufficjali numru 164/14, huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex salv kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna, joghgobha tiddikjara u tordna:

"1. Tiddikjara illi d-decizjoni fuq imsemmija sabiex parti mit-triq ta' Sant Elia, San Giljan tigi dikjarata tajba ghall-parkegg u kull decizjoni u ordni relattiva ghall-istess mill-intimati jew min minnhom irrita u nulla billi ttiehdet arbitrarjament, illegalment u/jew mhux fil-forom u skont kif provdut mir-regolamenti;

"2. Tiddikjara ghalhekk illi f'dik il-parti tat-triq fuq indikata ta' Sant Elia, San Giljan ma huwiex permess li jsir parkegg ta' vetturi skont id-decizjoni originali u valida tal-Kunsill Lokali kif impementata fil-21 ta' Awwissu 2013;

"3. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jiehdu l-passi li dik il-parti tat-triq tigi senjalata korrettement bhala mhux permess li jsir parkegg ta' vetturi;

"4. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni;

"Bl-ispejjez kontra l-intimati."

Rat ir-risposta guramentata tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Preliminarjament illi l-Kunsill eccipjenti ma huwiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.

“2. Preliminarjament l minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi naqqsu milli jindikaw id-data tad-decizjoni kontestata b’dan illi l-eccipjenti ma jistghux jiddeterminaw jekk effettivament din il-kawza gietx intavolata *fuori termine*. L-eccipjenti qeghdin jirrizervaw espressament id-dritt illi jintavolaw eccezzjonijiet ulterjuri dwar dekadenza u/jew preskrizzjoni hekk kif din id-data tkun konfermata mill-atturi;

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu jigi dikjarat illi l-Kunsill ma ha ebda decizjoni u wisq inqas ezegwixxa xi decizjoni jew ghamel xi xoghlijiet fit-triq in kwistjoni;

“4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem fil-mertu decizjonijiet dwar parkegg fit-toroq kif ukoll l-installazzjoni jew tnehhija ta’ sinjali fit-toroq ma hijiex fil-kompetenza legali tal-Kunsill eccipjenti izda biss fl-Awtorita` imharrka;

“5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Preliminarjament, in-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din il-Qorti sabiex tisma’ dawn il-proceduri kellhom jigu intavolati quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva ai termini tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2. Illi fil-mertu, id-decizjoni sabiex parti mit-Triq Sant’Elia, San Giljan tigi dikjarata tajba ghal parkegg hija wahda ragjonevoli u skont il-ligi, u mhux minnu li ttiehdet arbitrarjament, illegalment u/jew mhux kif provdut fir-regolamenti kif qed jigi allegat mill-attur;

“Bl-ispejjez;

“**Dikjarazzjoni ta’ fatti ai termini tal-Artikolu 158(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta:**

“1.1. Illi preliminarjament, din il-Qorti mhijiex il-forum kompetenti sabiex jinstemghu l-lanjanzi tal-attur;

“1.2. Illi huwa car illi l-attur qieghed jipprova jattakka decizjoni amministrattiva mehuda minn awtorita` pubblika, u ghalekk kellha tigi segwita l-procedura appozita stabbilita fl-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva [Kap 490 tal-Ligijiet ta’ Malta];

“1.3. Illi ai termini tal-att imsemmi, huwa t-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva illi ghandu l-kompetenza sabiex “jirrevedi atti amministrattivi” u ghalhekk bir-rispett qed tigi eccepita n-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti.

“2.1. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-decizjoni sabiex parti mit-Triq Sant’Elija, San Giljan tigi dikjarata tajba ghal parkegg hija wahda ragjonevoli u skont il-ligi, u mhux minnu li ttiehdet arbitrarjament, illegalment u/jew mhux kif provdut fir-regolamenti kif qed jigi allegat mill-attur;

“2.2. Illi mhux kontestat illi b’decizjoni tal-Kunsill Lokali implimentata fil-21 ta’ Awwissu, 2013 [bil-kunsens tal-Awtorita`], gie projbit il-parkegg f’parti ta’ Triq Sant Elia, San Giljan. Mhux kontestat lanqas illi f’Ottubru, 2013 l-Awtorita` eccipjenti iddecidiet li terga’ lura mid-decizjoni originali taghha u tqis li f’dik il-parti tat-triq seta’ jsir il-parkegg;

“2.3. Illi li gara kien illi wara d-decizjoni originali l-Awtorita` kienet regghet ghamlet xi accertament u rrizultalha illi precedentement kienu ttiehdu qisien zbaljati b’dan illi t-triq kienet fil-verita` usa’ mill-qisien li originarjament kienu rrizultaw lill-Awtorita`. Fid-dawl ta’ din l-informazzjoni gdida, l-Awtorita` ikkonkludiet illi kellha tregga’ lura d-decizjoni originali taghha billi kienet imsejsa fuq qisien zbaljati;

“2.4. Illi dan kien gie spjegat lill-attur qabel infethu dawn il-proceduri. Inoltre, kif jidher mid-dokumenti ezebiti mill-istess attur, l-Awtorita` ma kellhiex oggezzjoni li tippartecipa f’diskussjonijiet godda mal-Kunsill Lokali dwar din il-kwestjoni pero` ma jidhirx illi l-istess Kunsill qatt sejjah diskussjonijiet godda f’dan is-sens;

“2.5. Illi l-istess pozizzjoni giet imtennija f’ittra ufficjaliipprezentata fit-22 ta’ April, 2014 [**Dok TM1**]..

“2.6. Illi ghar-ragunijiet spjegati, l-Awtorita` tichad illi d-decizjoni tahha kienet wahda arbitrarja u/jew illegali u tichad ukoll illi bil-pozizzjoni taghha qieghda tesponi lill-utenti tat-triq ghal xi riskji;

“3.1. Illi **ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12,** u fid-dawl tas-suespost, jigi dikjarat illi:

- Il-kontenut tal-paragrafi (1) sa (4) tar-rikors mahluf mhumiex kontestati

- Il-bqija tal-fatti allegati huma ikkontestati u jehtieg illi jigu ippruvati

> "Bl-ispejjez kontra l-kumpanija rikorrenti li r-rapprezentanti taghha huma minn issa msejjha ghas-subizzjoni."

Rat li l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta, dik relatata mal-kompetenza tal-Qorti;

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Jannar, 2015, li in forza taghha cahdet l-eccezzjoni preliminari dwar il-kompetenza taghha u ddiferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni, bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha, l-Awtorità intimata qeghda tikkontesta in linea preliminari l-kompetenza ta' din il-Qorti in kwantu ssostni li huwa t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li ghandu kompetenza ai termini tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Awtorità intimata tibbaza l-eccezzjoni ta' kompetenza taghha fuq l-argument li d-decizjoni li minnha jilmenta r-rikorrenti hija decizjoni amministrattiva u t-talbiet huma ntizi ghal revizjoni ta' tali decizjoni amministrattiva. L-Awtorità ssostni li l-azzjoni odjerna taqa' fil-parametri ta' azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12, liema tip ta' azzjoni hija eskluza in kwantu t-Tribunal huwa kompetenti.
>
> "Ir-rikorrent jopponi ghal din l-eccezzjoni billi jsostni li l-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta ma kienx intiz sabiex johloq procedura gdida ta' Judicial Review li dejjem baqghet fil-kompentenza ta' din il-Qorti. Jsostni li l-Kap. 499 li bih giet kostitwita l-Awtorità intimata jipprovdi espressament f'liem istanzi t-Tribunal Amministrattiv ghandu kompetenza esklussiva sabiex jikkonsidra l-kwezit. Ir-rikorrent ulterjorment irrileva illi l-agir tal-Awtorità intimata ma hux esklussivament amministrattiv, izda huwa agir unilaterali li jista' jigi karatterizzat bhala kwazi legislattiv fejn l-Awtorità tirregola l-uzu tat-toroq a tenur tal-Artikolu 7(k) tal-Kap. 499.

“**Ikkunsidrat:**

“**L-Artikolu 5 tal-Kap. 490** tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi li:-

> *“(1) Qieghed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta’ din it-Taqsima ta’ dan l-Att Tribunal indipendenti w imparzjali, li jkun maghruf bhala t-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista’ jirrivedi* ***atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull ligi ohra, u bl-iskop ta’ l-ezercizzju ta’ kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva b’din il-ligi jew taht din il-ligi****,* ***jew xi ligi ohra****, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-sehh dan l-Att. (2)* ***It-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jirrivedi l-atti amministrattivi****.* Ai termini tal-Artikolu 2 tal-imsemmi Kapitolu tal-Ligi t-terminu “att amministrattiv” ghall-finijiet ta’ dak l-Att u kwindi ghall-kompetenza tat-Tribunal, jinkludi *l-hrug mill-amministrazzjoni pubblika ta’ ordni, licenzja, permess, warrant, awtorizzazzjoni, koncessjoni, decizjoni jew cahda ta’ xi talba maghmula minn membru tal-pubbliku, izda ma tinkludix mizura li tittiehed ghall-organizzazzjoni interna jew ta’ amministrazzjoni fi hdan l-istess amministrazzjoni pubblika.”*

“**L-Art. 469A tal-Kap. 12** jaqra hekk –

> *“(1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal- gustizzja ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta’ xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss :*
>
> *“(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni ;*
>
> *“(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:*
>
>> *“(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*
>>
>> *“(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel dwar dak l-eghmil; jew*
>>
>> *“(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta’ l-awtorità pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; jew*
>>
>> *“(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.*

“Fil-kawza tal-lum, dak li r-rikorrenti qieghed jitlob huwa li din il-Qorti tissindaka d-decizjoni amministrativa li permezz taghha parti minn Triq Sant Elia, San Giljan giet dikjarata tajba ghal parkegg.

“Minn ezami ta’ dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi jirrizulta li t-Tribunal gie

kostitwit specifikatament biex *jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt* u huwa *kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima* – Artikolu 7 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta. Madankollu l-procedura relattiva ghall-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva ai termini ta' l-Artikolu 469A tal- Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn il-Qorti kompetenti biex tisma' tali proceduri hija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ma gietx revokata.

"Mid-Dibattiti Parlamentari dwar l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva u t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva[1] johrog car in-nuqqas ta' qbil bejn iz-zewg nahat tal-Kamra dwar l-amalgamazzjoni tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta taht il-kappa tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, tant illi finalment din l-ideja giet irtirata. Dan johrog car mid-Dibattitu tas- Seduta Parlamentari li nzammet fis-17 ta' Jannar 2007, fejn inghad illi *f'dan l-abbozz ta' ligi konna pproponejna li l-469(A) tigi amalgamata taht il-kappa ta' dan it-tribunal amministrattiv li se jkun imexxi minn imhallef jew magistrat disentu[2]. Madanakollu din il-bicca tax-xoghol tant qajmet kwistjonijiet u akkuzi li hadna d-decizjoni li nirtirawha.*

"Wiehed jinnota li sussegwentement l-Art. 7 fl-abbozz tal-Kap. 490 inbidel b'tali mod li ma baqax jinkludi estensivament l-Art. 469A(1) u dan sabiex ma tigix pregudikata l-kompetenza ta' din il-Qorti.

"Ghalhekk illum jissussistu zewg proceduri – il-procedura ta' stharrig giudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u l-procedura ta' revizjoni ta' atti amministrattivi a tenur tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem dan it-Tribunal.

"B'referenza ghal atti amministrattivi li jittiehdu mill-Awtorità intimata, il-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car:

> "*40 (1) It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mwaqqaf bl- artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeciedi:*
>
> > *"(a) appelli maghmulin minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'decizjoni tal-Awtorità li tichad milli taghti jew iggedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew licenzja jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskluzjonijiet f'licenzja; u*
> >
> > *"(b) appelli maghmulin minn xi persuna li thoss ruhha*

[1] Vide b'mod partikolari d-Dibattiti tas-Seduti Parliamentari li nzammu fis-26 ta' Novembru 2006, fid-29 ta' Novembru 2006 u fis-17 ta' Jannar 2007

[2] Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva kif originarjament abbozzat.

> *aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'ohra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità."*

> "*Izda, sakemm mhux preskritt bil-ligi, appell li jigi prezentat skont id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jigi prezentat fi zmien ghoxrin gurnata minn meta tkun giet ricevuta d-decizjoni tal-Awtorità*."

> "Id-decizjoni li minnha jilmenta r-rikorrent ma tistax titqies li taqa' taht ebda wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 40(1) tal-Kap. 499 peress li mhijiex marbuta ma' permess jew licenzja (subinciz (1)(a)) u lanqas ma' piena amministrattiva (subinciz (1)(c)).

> "Ghaldaqstant il-gurisdizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili taht l-artikolu 469A ma gietx eskluza bil-Kap. 499 peress li gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal giet limitata ghal dawk l-istanzi previsti fl-artikolu 40(1). Dan ifisser li m'hemm xejn fil-Kap. 499 jew fil-Kap. 490 li jeskludu l-kompetenza ta' din il-Qorti fir-rigward ta' decizjoni amministrattiva simili ghal dik li tinstab f'kontestazzjoni."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-umli appell u thassar, tirrevoka u tirrexxindi s-sentenza preliminari fl-ismijiet premessi, u tipprovdi minflok billi tilqa' l-aggravji tal-Awtorita` appellanti u tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-istess Awtorita`, u konsegwentement tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi qabel ma jigi trattat il-meritu tal-appell, din il-Qorti trid, fl-ewwel lok, tiddetermina l-aggravju tal-attur appellat dwar in-nullita` tal-appell, peress illi, skont hu, gieipprezentat *fuori termine*. Dan qed jigi sottomess peress illi l-appell gie pprezentat wara li skadew 20 jum mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-Awtorita` appellanti ssostni illi wara li nghatat is-sentenza preliminari, hi talbet permess specjali biex tkun tista' tressaq appell mis-sentenza, u hi ressqet appell fi zmien 20 jum mill-ghoti tal-permess.

Kif, pero`, tajjeb issottometta l-attur appellat, f'kaz ta' decizjoni fuq il-kompetenza tal-Qorti, jekk parti thossha aggravata bid-decizjoni u tkun trid tappella, ghandha taghmel dan fi zmien 20 jum mis-sentenza minghajr ma toqghod titlob il-permess tal-Qorti li tat is-sentenza. Dan johrog car mill-Artikolu 234 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u mill-gurisprudenza ta' din il-Qorti. Fil-fatt, fil-kawzi **Koca v. Micallef Stafrace et noe** u **Gaming VC Corporation Ltd v. Boss Media Malta Casino Ltd.** it-tnejn decizi minn din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 2012, intqal hekk fir-rigward:

> "*Mill-artikoli fuq riportati, li ghandu jinghad, gew emendati di recente minhabba ezigenzi ta' natura prattika billi hafna appelli minn sentenzi parzjali kienu qed johonqu l-process gudizzjarju, jidher li filwaqt li l-legislatur ried li, bhala regola generali, appelli minn sentenzi parzjali ma jsirux, hlief flimkien mas-sentenza finali, eccetto meta dan id-dritt jinghata lill-parti interessata fuq talba ghal dan il-ghan, l-istess legislatur zamm apparti dawk l-appelli li jikkoncernaw sentenzi preliminari dwar il-kompetenza tal-istess Qorti. Infatti fl-Artikolu 234 jinghad li f'dawn il-kazi "minn kull sentenza moghtija minn kull qorti fuq il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni mill-kawza, jista' jsir appell;" u f'dan il-kaz il-legislatur ma hassx li kien hemm il-htiega, bhal ma jinghad fl-Artikolu 231 li, jintalab permess lill-Qorti biex jigi intavolat dan l-appell. Infatti dwar awtorizzazzjoni ma jinghad xejn.*
>
> "*Ghalhekk hawn insib distinzjoni netta bejn appelli minn sentenzi preliminari ta' kull generu li jehtiegu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex dak l-appell jigi ntavolat qabel is-sentenza finali, u dawk l-appelli minn sentenzi preliminari dwar il-kompetenza tal-Qorti li ma jehtiegux din l-awtorizzazzjoni. Naturalment sentenza dwar kompetenza fejn il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kawza, qatt ma tista` tirrikjedi l-permess tal-Qorti li tkun ppronunzjata biex isir appell u dan billi tali sentenza, fiha nnifisha, ma tkunx wahda preliminari izda pjuttost finali billi b'dak il-pronunzjament il-gudizzju jigi terminat. F'dan il-kaz, il-legislatur ma kellux bzonn li jipprovdi billi jkunu japplikaw il-provvediment generali koncernanti appelli minn sentenzi finali. Biss fil-kaz ta' sentenza fejn il-Qorti tkun cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni taghha, u b'hekk iddikjarat ruhha kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kaz, bhal fil-kaz in ezami, dik is-sentenza tkun wahda preliminari billi l-process gudizzjarju jibqa' miexi. F'dan il-kaz, ghalhekk, il-legislatur, kieku ried, halla l-kwistjoni tal-appellabilita` minn dik is-sentenza qabel is-sentenza finali li tigi regolata bl-Artikolu 231 bhal kazijiet l-ohra. Izda jidher li dan ma kienx dak li ried il-legislatur billi mhux talli f'dawn il-kazi, kkonferixxa dritt ta' appell lill-parti interessata minghajr ir-rekwiziti msemmija fl-Artikolu 231, talli ddispona oltre meta kkonferixxa fuq il-Qorti ta' prim istanza d-diskrezzjoni tal-ghazla li "twaqqaf is-smigh tal-kawza sakemm jinqata dak il-punt fil-qorti fi grad ta' appell.*"

Dan l-istess principju gie accettat minn din il-Qorti f'sentenza ricenti moghtija fis-26 ta' Gunju, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Vella v. Malta Industrial Parks Ltd**.

L-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` konvenuta kienet espressament tattakka il-kompetenza tal-qrati civili, u meta l-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni, tat sentenza fit-termini tal-Artikolu 234 tal-imsemmi Kap. 12. Minn tali sentenza "*jista' jsir appell*", ovvjament, fit-terminu li timponi l-ligi.  It-talba li saret ghall-permess kienet inutili, u ma zzommx id-dekorriment tat-terminu ta' 20 jum impost bil-ligi.

Ghal bqija, hu car li dan l-appell gieipprezentat wara li skadew l-imsemmija 20 jum.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-Awtorita` konvenuta billi tiddikjarah irritu u null, ghax *fuori termine*, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

L-ispejjez relatati ma' dan l-appell jithallsu mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df